**Ruling mogħti mill-Ispeaker Anġlu Farrugia fis-Seduta Nru 192 tat-28 ta' Ottubru 2014 dwar talba għal ksur ta' privileġġ mill-Onor Jason Azzopardi fil-konfront tal-Onor Emanuel Mallia dwar tweġibiet għal mistoqsijiet parlamentari numri 9925 u 9958.**

Fis-seduta Nru 190 tat-22 ta' Ottubru 2014 l-Onor. Jason Azzopardi qajjem ksur ta' privileġġ fil-konfront tal-Ministru Emanuel Mallia għaliex, skont hu, għandna jkollna hawnhekk u ngħożżu l-verità. Huwa għamel referenza għal żewġ tweġibiet li ngħataw f'dik is-seduta għal żewġ mistoqsijiet parlamentari mill-Ministru għall-Intern. Fil-fatt se nikkwota lill-Onor. Jason Azzopardi:

> "F'mistoqsija parlamentari 9925, fejn jien illum staqsejt lill-Ministru – ma kenitx illum imma *anyway*, telgħet illum – jgħid "mill-1 ta' Mejju 2004 sal-jum li fih tkun imwieġba din l-interpellanza, x'kien ir-*rank* tal-fizzjali tal-Forzi Armati ta' Malta li applikaw sabiex jattendu l-kors tar-*Royal College of Defence Studies* ġewwa Londra?", il-Ministru rreferieni għall-mistoqsija parlamentari 9924. Sur President, il-mistoqsija parlamentari 9924, fiha, il-Ministru għall-Intern qal li:
>
> > "Mill-1 ta' Mejju 2004 sal-lum, ma kien hemm ebda fizzjal tal-Forzi Armati li applika sabiex jattendi dan il-kors ġewwa Londra għax qatt ma ħarġet applikazzjoni.
> >
> > Kif għedt fil-mistoqsija parlamentari ta' qabel, għal xi raġuni taħt l-amministrazzjoni preċedenti ma kenitx inħarġet sejħa."

Kien hawnhekk allura li huwa għamel referenza għall-verżjoni tal-mistoqsija parlamentari 6791 tal-11 ta' Ġunju ta' din is-sena għall-istess domanda fuq l-istess mertu, fejn allura l-Ministru għall-Intern kien qal hekk: - u nikkwota dak li qed jgħid l-Onor. Jason Azzopardi –

> "Il-Brigadier Curmi, minkejja li għamel diversi applikazzjonijiet biex isegwi l-istess kors, dawn l-applikazzjonijiet taħt aministrazzjoni preċedenti, dejjem kienu miċħuda."

Hawnhekk l-Onor. Jason Azzopardi qal hekk:

> "Mela jew dejjem miċħuda … Però issa qed jgħid, kif għedt fil-PQ 9924 li qatt ma kienet ħarġet sejħa. Mela dak huwa l-ewwel każ."

Ovvjament qed iqajjem l-ewwel każ ta' ksur ta' privileġġ. Imbagħad kompla jgħid:

> "It-tieni każ: f'PQ tal-lum ukoll, 9958, fejn jien staqsejt lill-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra r-rakkomandazzjoni tal-Brigadier li għamel skont il-liġi tal-Armata biex saret *accelerated promotion,* it-tweġiba tal-lum kienet:
>
> > "li d-dokument bir-rakkomandazzjoni tal-Uffiċjali li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament, huwa dokument restritt."

Hawnhekk kompla l-Onor. Jason Azzopardi billi qal, u nikkwotah:

> "Mela hawn qed jgħid li l-Brigadier Martin Xuereb, li għalih kienet qed tirreferi d-domanda, kien għamel rakkomandazzjoni però huwa dokument restritt. Però, Sur President, f'PQ 4835 tal-14 ta' April ta' din is-sena, għall-istess domanda, fuq l-istess mertu, il-Ministru għall-Intern jgħidli hekk:
>
> > "Ninforma lill-Onor. Interpellant li għandu jkun jaf li għall-promozzjonijiet imsemmija il-liġi ma titlobx rakkommandazzjoni mill-Kmandant lill-Ministru."

Ikompli l-Onor. Jason Azzopardi:

> "U allura, Sur President, ninvoka l-Kap. 113 paragrafu (i) tas-subartikolu (4) tal-artikolu 11 li jgħid hekk:
>
> > "(i) kull min iġib quddiem il-Kamra jew Kumitat tagħha dokument falz, mhux veru, maħluq jew iffalsifikat bil-ħsieb li jqarraq lill-Kamra jew lil dak il-Kumitat."
>
> Nikkwota wkoll, fil-qosor ħafna, il-*House of Commons Procedure and Practice, second edition*, fejn f'paġna 115 jingħad hekk:
>
> > "*Misleading a Minister or a Member has also been considered a form of obstruction and thus a prima facie breach of privilege*."
>
> *Erskine May* ukoll, it-22 edizzjoni, paġna 63:
>
> > "*It is of paramount importance that Ministers should give accurate and truthful information to Parliament*."
>
> L-*Erskine May* ikompli, finalment f'paġna 111 tal-istess 22 edizzjoni, hekk:
>
> > *"The Commons may treat the making of a deliberately misleading statement as a contempt."*

U l-Onor. Jason Azzopardi jagħlaq hekk:

> "Biex nikkonkludi, *this is the strongest and clearest evidence*, rikjesta anke fil-*House of Commons*, li hawnhekk ingħatajt informazzjoni giddieba, qarrieqa biex tiżgwida lili u lill-Kamra."

Ir-reazzjoni immedjata tal-Ministru Mallia kienet hekk:

> "Grazzi, Sur President. L-ewwel nies nassigura lil din il-Kamra, anke jekk l-Onor. Azzopardi jidher li mhux konvint bil-kliem tiegħu, li jien la qatt qarraqt, la qatt kont malinn u lanqas qatt ridt niżvija lil xi ħadd kemm f'din il-Kamra u anke barra minn din il-Kamra."

Wara li saru ħafna referenzi għal domandi l-Ministru Mallia talab lis-Sedja biex jingħata żmien biex huwa jkun jista' jivverifika d-domandi u qal: – u nikkwotah –

> "nirriżerva li nara d-domandi tiegħi. Nassigurak li sa nhar it-Tnejn dan inkun għamiltu."

Fil-fatt fis-seduta Nru 191 tat-Tnejn, 27 ta' Ottubru 2014 il-Ministru Mallia b'referenza għall-ksur ta' privileġġ li qajjem fil-konfront tiegħu fis-seduta ta' nhar l-Erbgħa li għaddew, qal hekk: – u nikkwotah –

> "Se nibda biex naqra x'qal l-Onor. Azzopardi fil-konfront taż-żewġ punti li għamel li kienu l-bażi għall-Ksur ta' Privileġġ li qiegħed jallega. Hu qal li f'mistoqsija parlamentari 9925 li kien għamel dakinhar stess, fil-fatt jien kont irrispondejtu għal mistoqsija li kien għamel ..."

Imbagħad ikompli jgħid:

> "L-Onor. Azzopardi qal li kien għamel mistoqsija 9925 u allura jien se mmur mill-ewwel għal dik il-mistoqsija li huwa fil-fatt qed jagħmel riferenza għaliha. Dan kien staqsa biex ngħidlu mill-1 ta' Mejju 2014 sal-lum x'kien ir-*rank* tal-fizzjali tal-Forzi Armati ta' Malta li applikaw sabiex jattendu l-kors tar-*Royal College of Defence Studies* ġewwa Londra, min kienu l-fizzjali tal-Forzi Armati ta' Malta li applikaw. Fil-fatt it-tweġiba kienet ingħatat f'mistoqsija oħra li fil-fatt kienet saret fejn kont informajtu hekk:
>
>> "Ninforma lill-Onor. Interpellant li fl-1 ta' Mejju 2004 sal-lum ma kien hemm l-ebda fizzjal tal-Forzi Armati ta' Malta li applika sabiex jattendi l-kors tar-*Royal College of Defence Studies* f'Londra għax qatt ma ħarġet l-ebda applikazzjoni.
>>
>> Kif għedt fil-mistoqsija parlamentari ta' qabel, għal xi raġuni, taħt l-amministrazzjoni preċedenti ma kenitx inħarġet sejħa biex dawk interessati jkunu jistgħu japplikaw għall-kors imsemmi iżda kienet intgħażlet persuna partikolari li sussegwentement intgħażlet f'pożizzjoni għolja ħafna fi ħdan l-Armata."

Imbagħad il-Ministru Mallia kompla jgħid hekk: – u nerġa' nikkwotah –

> "L-Onor. Azzopardi qiegħed jirritjeni li fil-fatt dan imur dijametrikament oppost għal dak li jien fil-fatt kont irrispondejtu f'risposta ta' mistoqsija parlamentari 6791 u d-domanda dakinhar kienet taqra:
>
>> "Jista' l-Ministru jgħid f'liema *staff training college* kienu attendew u ggradwaw il-Brigadieri kollha, wieħed wieħed, li kellha l-Forzi Armati ta' Malta fil-jum li fih ħadu l-kariga ta' Kap Kmandant tal-Forzi Armati u dan il-jum li fih Malta saret Membru tal-Unjoni Ewropea fl-2004 sal-jum li fih tkun imwieġba din l-interpellanza?"
>
> Fil-fatt konna weġibna li informajnieh li fid-dati li qed jgħid hu kien hemm il-Brigadier Carmel Vassallo, il-Brigadier Martin Xuereb u l-Brigadier Curmi li filwaqt li l-ewwel tnejn, jiġifieri l-Brigadier Vassallo u l-Brigadier Martin Xuereb kienu ggradwaw mir-*Royal College*

> *of Defence Studies* ġewwa Londra, il-Brigadier Curmi, minkejja li għamel diversi applikazzjonijiet biex isegwi l-istess kors, dawn l-applikazzjonijiet taħt l-amministrazzjoni preċedenti dejjem kienu miċħuda u minkejja dan, il-Brigadier Curmi segwa b'suċċess numru ta' korsijiet kbar, korsijiet inklużi fir-*Royal Military Academy*.
>
> X'qiegħed jgħid l-Onor. Jason Azzopardi? L-Onor. Jason Azzopardi qed jgħid li dawn qed jikkontrastaw. Dan mhu assolutament minnu xejn. L-ewwel mistoqsija li qed jagħmel referenza għaliha kienet speċifika għall-kors tar-*Royal College of Defence Studies* ġewwa Londra. It-tieni mistoqsija li hu qed jagħmel referenza għaliha qiegħed jgħid f'liema *staff training college*. *Staff training colleges* għandek diversi, għandek Londra, għandek l-Irlanda u għandek xi tliet pajjiżi oħrajn fejn il-membri tal-Forzi Armati tagħna jistgħu jattendu. Barra minn hekk, it-tnejn huma korretti bħala risposti għaliex hu qiegħed jistaqsi mill-2004.
>
> Rigward il-Brigadier Carmel Vassallo, kien attenda dan il-kors li aħna stess indikajna fir-*Royal College of Defence Studies* ġewwa Londra qabel l-2004 u filwaqt li l-Brigadier Martin Xuereb kien wara u fid-data indikata, però rrid ngħid li dan ma kienx skont mhu qed jistaqsina hu jekk dawn applikawx, ma kienx hemm applikazzjoni. Mela r-risposti tagħna huma korretti. Meta staqsiena jekk dawn applikawx, meta għedna li ma kien hemm l-ebda applikazzjoni, hu korrett. L-Onor. Azzopardi qed jgħid: Imma inti stess qed tgħid li dawn it-tnejn attendew! U allura hawnhekk qed nuru dan."

Imbagħad il-Ministru Mallia mar għat-tieni punt imqajjem mill-Onor. Jason Azzopardi, u dan fir-rigward ta' *accelerated promotion,* fejn hu qal hekk:

> "It-tieni punt li qed jgħid huwa dan, illi f'mistoqsija oħra li staqsa fl-istess ġurnata rigward, hemm indikat fuq fejn hu stess għażel din is-sistema Brigadier partikolari, staqsiena x'rakkomandazzjoni kien hemm li l-Brigadier ta dettalji biex ikun jista' jsir *Lieutenant Colonel* ċertu persuna professjonista avukat li hu stess indika l-isem, imma indikah separatament u mhux fid-domanda.
>
> Hawnhekk irrid infiehmu u diġà spjegajt l-aħħar darba, qal: Intom qabel kontu għedtu li meta niġu għar-rakkomandazzjoni, ir-rakkomandazzjoni ma jkunx hemm bżonn u hekk hu. Għaliex filwaqt li l-każ li qed jistaqsi llum ta' din l-avukat kien *accelerated promotion, accelerated promotion* tiġri jew meta xi ħadd jaqbeż *rank* jew inkella meta għandek *ranks* partikolari li trid tagħmel bilfors ċertu ammont ta' snin. Jekk inti tieħu l-*promotion* qabel dak l-ammont ta' snin rikjest skont il-*policy,* allura huwa wkoll *accelerated promotion*. Mela anke hawnhekk m'hawn l-ebda distinzjoni fiż-żewġ risposti. Meta konna weġibna fil-passat u għednielu li hawnhekk din ma titlobx rakkomandazzjoni mill-Kmandant, hekk hu u allura hawn m'hawn xejn li qed jipprova jgħid il-kollega tiegħi – u nerġa' nuża l-kliem li hu uża – li aħna pprovajna ningannaw, nigdbu, niżvijjaw lilu u lil din il-Kamra. U bl-akbar rispett jien jekk hemm bżonn, anke fid-dettall nista' nispjega anke jekk hemm bżonn bil-miktub, din l-allegazzjoni tal-kollega hija infondata kompletament."

Din kienet l-ispjegazzjoni tal-Ministru Mallia fl-ewwel reazzjoni tiegħu fis-seduta tal-bieraħ Nru 191 tas-27 ta' Ottubru 2014 għall-ksur ta' privileġġi mqajmin mill-Onor. Jason Azzopardi fis-seduta Nru 190 tat-22 ta' Ottubru 2014. Hawnhekk is-Sedja reġgħet tat id-dritt li jirrispondi l-Onor. Jason Azzopardi, fejn is-Sedja pprovat tesplora l-fatt jekk ir-risposti kenux biżżejjed biex jissodisfaw lill-Onor. Jason Azzopardi u jekk kienx beħsiebu jkompli bir-*ruling* li talab lis-Sedja, ir-reazzjoni tal-Onor. Jason Azzopardi kienet hekk:

"Ħalli nfakkar lilek, Sur President, u lill-Kamra x'kien irrisponda l-Ministru Emanuel Mallia fil-11 ta' Ġunju 2014 għall-mistoqsija parlamentari 6791 li jien għamilt sitt xhur qabel. Il-Ministru Mallia kien irrisponda hekk:

> "Ninforma lill-Onor. Interpellant li mill-jum li fih Malta saret Membru tal-Unjoni Ewropea fl-2004 sal-lum, il-Forzi Armati ta' Malta kellha tliet Brigadieri, il-Brigadier Vassallo, Xuereb u Curmi. Filwaqt li fil-jum li fih ħadu l-kariga bħala Kap Kmandant l-ewwel tnejn kienu ggradwaw mir-*Royal College of Defence Studies* ġewwa Londra, il-Brigadier Curmi minkejja li għamel diversi applikazzjonijiet biex isegwi l-istess kors, dawn l-applikazzjonijiet taħt amministrazzjoni preċedenti dejjem kienu miċħuda.".

U għalhekk it-tweġiba li l-Brigadier Curmi, minkejja li għamel diversi applikazzjonijiet biex isegwi l-istess kors, dawn l-applikazzjonijiet taħt amministrazzjoni preċedenti dejjem kienu miċħuda kienet u hija skorretta u hija mogħtija biex tiżgwida. Għaliex, Sur President?

L-Onor. Jason Azzopardi jkompli jgħid hekk:

"Il-Ministru nqabad bir-risposti parlamentari li ta hu stess meta rrisponda mistoqsija parlamentari 9923, meta qal hekk:

> "Mill-1 ta' Mejju, 2004 sal-lum il-Forzi Armati ta' Malta ma ħarġet l-ebda applikazzjoni sabiex uffiċjali mill-Forzi Armati jkunu jistgħu jattendu l-kors tar-*Royal College of Defence Studies* ġewwa Londra.".

L-istess kors, Mr Speaker, irrefera għalih f'mistoqsija parlamentari 6791. U biex żgur ikompli jinqabad, meta l-Ministru rrisponda mistoqsija parlamentari 9924, qal hekk:

> "Mill-1 ta' Mejju, 2004 sal-lum ma kien hemm l-ebda Fizzjal tal-Forzi Armati ta' Malta li applika sabiex jattendu l-kors tar-*Royal College of Defence Studies* ġewwa Londra, għaliex qatt ma ħarġet l-ebda applikazzjoni.".

L-Onor. Azzopardi jiġi issa għat-tieni parti tal-allegat ksur ta' privileġġ u jgħid hekk:

"It-tieni parti tal-allegat Ksur ta' Privileġġ li din in-naħa qed tagħmel, ir-risposta li l-Ministru ta għall-mistoqsija parlamentari 4835, fejn jien fid-9 ta' Ottubru tas-sena li għaddiet staqsejt hekk:

> "Jogħġbu l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kull rakkomandazzjoni li għamel lill-Ministru tal-Forzi Armati – skont kif trid il-liġi – kull Brigadier tal-Forzi Armati, sabiex maġġur jieħu promozzjoni għal Logutenent Kurunell u sabiex Logutenent Kurunell isir Kurunell fl-aħħar seba' snin?"

L-Onor. Jason Azzopardi jkompli jgħid:

> "Mela jien tlabt għal kull rakkomandazzjoni li għamel kull Brigadier lill-Ministru sabiex Maġġur jieħu *promotion* u sabiex Logutenent Kurunell jieħu *promotion* għall-Kurunell. Jien tlabt għal kull rakkomandazzjoni fl-aħħar seba' snin. Ir-risposta kienet taqra hekk:
>
> > "Ninforma lill-Onor. Interpellant li għandu jkun jaf li għall-promozzjonijiet imsemmija, il-liġi ma titlobx rakkomandazzjoni mill-Kmandant lill-Ministru.".

Hawnhekk l-Onor. Jason Azzopardi qal hekk:

> "Mhux veru. Għaliex? Fejn imbagħad wieġeb għall-mistoqsija parlamentari 9958 fejn staqsejtu jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra r-rakkomandazzjoni li l-Brigadier preżenti għamel skont il-Liġi tal-Armata biex saret *accelerated promotion* – issa mbagħad hu għandu definizzjoni għalih x'inhi *accelerated promotion* – tal-persuna li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament u qabżet ir-*rank* ta' maġġur, il-ħabib tagħna, l- Ministru wieġeb hekk:
>
> > "Id-dokument bir-rakkomandazzjoni huwa dokument restritt. Ma nsib l-ebda oġġezzjoni li l-Onor. Interpellant jara l-istess dokument.".

Inkompli nikkwota lill-Onor. Jason Azzopardi:

> "Mela hemm bżonn rakkomandazzjoni! U fil-fatt toħroġ mil-liġi, *subsidiary legislation SL22.03 – Appointments and conditions of service of the regular force* li toħroġ mil-Liġi tal-*Armed Forces Act* tal-1970, fi klawsola 6, subinċiż (1) tgħid hekk:
>
> > *"Saving the provisions of this regulation in regard to accelerated promotions, promotion to the rank specified below shall be made subject to reccommendation*.".
>
> Mela *it's implying recommendation* bil-Kmandant. U l-uffiċjali msemmija, jekk imbagħad inti tara l-ittra "A", *Combatant Officers,* tara *Lieutenant, Captain, Major, Lieutenant Colonel, Colonel* u Brigadier. *Non-Combatant Officers* f'*subparagraph (2)* hemm li *"in exceptional cases accelerated promotions may be authorized in the interest of the service by the Minister on the recommendation of the Commander."* Mela allura, Mr Speaker, *there must be a recommendation,* bilfors, tridha l-liġi. U għalhekk dak li qal il-ħabib tagħna, il-Ministru huwa skorrett.

Hawnhekk il-Ministru Emanuel Mallia għamel l-aħħar reazzjoni tiegħu qabel ma mbagħad is-Sedja ddeċidiet li tmur għar-*ruling.* Nikkwota lill-Ministru Emanuel Mallia:

> "Qegħdin naqblu, però l-kollega tiegħi mhux qiegħed jifhem. Iva, ma kien hemm l-ebda applikazzjoni. Dawn attendew il-kors mhux għaliex kien hemm applikazzjoni u għażluhom, imma *hand picked*, jiġifieri għażluhom u bagħtuhom, mela m'hemm l-ebda diżgwid bejn waħda u oħra. Il-kollega qed jikkwotani tajjeb, ma kien hemm l-ebda applikazzjoni."

Hawnhekk is-Sedja staqsiet lill-Ministru Emanuel Mallia direttament jekk kienx hemm sejħa għal applikazzjoni, u nikkwota:

> "Ħalli tkun qed tifhmek is-Sedja, jiġifieri ma kienx hemm sejħa għall-applikazzjoni?"

Il-Ministru Mallia wieġeb hekk:

> "Le, ma kienx hemm sejħa għall-applikazzjoni."

Imbagħad il-Ministru Mallia kompla fuq it-tieni punt dwar l-*accelerated promotion* u qal hekk:

> "Ir-rakkomandazzjoni kif qed jgħid hu, naqbel miegħu, hemm bżonnha, imma fl-*accelerated promotion* hemm bżonnha."

Is-Sedja issa sejra teżamina ir-rikjesti kif mitluba fl-allegat ksur ta' privileġġ imqajjem mill-Onor. Jason Azzopardi fis-seduta tat-22 ta' Ottubru 2014, dwar jekk effettivament il-Ministru Emanuel Mallia, kif indikat fil-Kap. 113, subinċiż (i) tas-subartikolu (4) tal-artikolu 11, ġabx quddiem il-Kamra dokument falz, mhux veru, maħluq jew iffalsifikat bil-ħsieb li jqarraq lill-Kamra jew lil dak il-Kumitat.

Dawn l-elementi kollha jridu jkunu preżenti biex wieħed ikun jista' jgħid jekk hemmx *prima facie* ksur ta' privileġġ fil-konfront tal-Ministru Emanuel Mallia jew le. Naqsam dan ir-*ruling* f'żewġ partijiet: Hemm il-parti fejn l-Onor. Jason Azzopardi qed jgħid li meta wieħed jara l-mistoqsijiet parlamentari Nri 9924, 9958, 4835, 9836, 9957 u 6791, li kollha saret referenza għalihom mill-Onor. Jason Azzopardi, kif ukoll mill-Ministru Emanuel Mallia, li jitkellmu fuq applikazzjonijiet jew le fi ħdan l-Armata, kif ukoll il-każ tal-*accelerated promotion* ta' persuna partikolari li diġà saret referenza għaliha fit-traskrizzjoni li s-Sedja diġà għamlet referenza għaliha min-naħa tal-Onor. Jason Azzopardi kif ukoll min-naħa tal-Ministru Emanuel Mallia.

Fuq dan it-tip ta' ksur ta' privileġġ is-Sedja diversament preseduta diġà esprimiet id-deċiżjoni tagħha, u s-Sedja qed tagħmel referenza għal tliet deċiżjonijiet partikolari, id-Deċiżjoni li kienet ingħatat mill-iSpeaker Alfred Bonnici fis-seduta Nru 185 tal-4 ta' Frar 1970, Deċiżjoni li kienet ingħatat fis-seduta Nru 548 tad-9 ta' Lulju 2007 mill-iSpeaker Anton Tabone, kif ukoll Deċiżjoni li kienet ingħatat fis-seduta Nru 172 tat-30 ta' Novembru 2009 mill-iSpeaker Louis Galea li lkoll jitkellmu dwar li s-Sedja trid tkun sodisfatta li mhux biss hemm fatti li mhux bilfors ikunu fatti preċiżi, imma li jrid ikun hemm l-intenzjoni speċifika tal-Membru jew il-Ministru f'dan il-każ, li huwa jimmiżlijdja lill-Kamra b'fatti li jaf li mhumiex veritieri. Jiġifieri dan huwa element importanti u kardinali. Tant hu hekk li l-istess *Erskine May* – u issa qed niċċita mhux it-22 edizzjoni li għamel referenza għaliha l-Onor. Jason Azzopardi meta qajjem l-allegat ksur ta' privileġġ, imma qed nikkwota mit-24th edition – paġna 254 li jitkellem fuq *Misconduct of Members or Officers.* Taħt il-*heading* li jaqra *Members deliberately misleading the House* jgħid hekk:

> "*The Commons may treat the making of a deliberately misleading statement as a contempt. In 1963 the House resolved that in making a personal statement which contained words which he later admitted not to be true, a former Member had been guilty of a grave contempt.*"

Se nikkwota l-Erskine May:

> *"In 2006 the Committee on Standards and Privileges concluded that a Minister who had inadvertently given a factually inaccurate answer in oral evidence to a select committee had not committed a contempt but should have ensured that the transcript was corrected. The Committee recommended that he should apologise to the House for the error."*

Fid-deċiżjoni li ta l-iSpeaker Anton Tabone għad-deċiżjoni diġà ċitata kien qal hekk:

> "Il-problema biex wieħed isib risposta għal dan il-kwesit huwa li wieħed irid li jkollu l-konvinzjoni *oltre* kull raġonevoli dubju li l-kelma "kollettivament" intużat fil-kuntest li ntużat bil-għan li tqarraq bil-Kamra. Huwa veru li dan il-konvinċiment is-Sedja trid tasal għalih fuq bażi *prima facie* però huwa daqstant minnu li l-kliem użat irid ikun tali li ma jħalli l-ebda ambigwità f'li wieħed jasal għal tali konklużjoni."

Is-Sedja se tagħmel ukoll referenza għad-deċiżjoni tal-iSpeaker Louis Galea li wkoll daħal profondament fuq dan il-fatt. Fil-fatt l-iSpeaker Galea jgħid hekk:

> "Issa kif taf il-Kamra l-Ordni Permanenti 197 jipprovdi li "Fil-każijiet kollha mhux maħsub għalihom f'dawn l-Ordnijiet Permanenti wieħed għandu jirrikorri għar-regoli, modi, użanzi u drawwiet tal-*House of Commons* tal-Parlament tar-Renju Unit li għandhom jiġu segwiti safejn jistgħu jiġu applikati għall-proċeduri tal-Kamra b'konsiderazzjoni xierqa għan-natura speċjali tal-Kostituzzjoni."

Iżda anke hawn, safejn seta' jirriżultali minn eżami tal-parir rilevanti l-*Erskine May Parliamentary Practice* ukoll aktar jitkellem dwar il-mistoqsijiet milli dwar it-tweġibiet u kif mistenni l-Kamra tagħna ssegwi l-linji ġenerali tal-*House of Commons,* fis-sens li s-Sedja ġeneralment ma tirregolax il-kontenut tat-tweġibiet għal mistoqsija jew mistoqsijiet parlamentari.

Safejn is-Sedja setgħet tinnota l-unika riferenza fl-*Erskine May* għall-kwestjoni ta' żvijjar jew żgwidar tal-Kamra tinstab f'paragrafu intitolat "*Misconduct of Members or Officers"* bis-subtitolu "*Members Deliberately Misleading the House*". Il-paragrafu qasir jgħid: *"The Commons may treat the making of a deliberately misleading statements as a contempt. In 1963 the House resolved that in making a personal statement which contained words which he later admitted not to be true, a former Member had been guilty of a grave contempt."*

Fil-kuntest tal-Kamra tagħna l-kwestjoni ta' disprezz (*contempt)* fil-konfront tal-Kamra stess jew ta' xi Membru tagħha huwa regolat b'Ordinanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra tad-Deputati (Kap.113), (privileġġi, immunitajiet u setgħat li l-Kamra u l-membri jgawdu skont l-Ordni Permanenti 161). L-Artikolu 11 tal-imsemmija Ordinanza jistabilixxi liema huma r-reati kontra dan l-Att u l-każ *prima facie* ta' dawn ir-reati jista' jagħti lok għal proċeduri legali inkluż dawk tal-Ksur ta' Privileġġ quddiem din il-Kamra. L-Artikolu 11 (4), subinċiż (i) jipprovdi li kull reat kontra l-Att, "kull min iġib quddiem il-Kamra jew Kumitat tagħha dokument falz, mhux veru, maħluq jew iffalsifikat bil-ħsieb li jqarraq lill-Kamra jew lil dak il-Kumitat.".

L-iSpeaker Galea f'dan ir-*ruling* ikompli jgħid hekk:

> "Minkejja dan kollu tajjeb li l-Kamra żżomm quddiem għajnejha li l-Artikolu 11(4)(i) espliċitament jikkwalifika l-għoti jew it-tqegħid ta' "dokument falz, mhux veru, maħluq jew iffalsifikat quddiem il-Kamra bl-intenzjoni ċara u pruvabbli li dak li jkun jagħmel hekk "**bil-ħsieb li jqarraq lill-Kamra**". L-istess *Erskine May*, meta jiddeskrivi l-att "*misleading*" bħala "*the making of a deliberately misleading statement....*"

Is-Sedja tinnota minnufih li r-riferenza għad-domandi parlamentari kollha li saru u li huma suġġett ta' dan ir-*ruling* ma sar l-ebda tqegħid ta' dokument imma kienet kollha informazzjoni orali li ta l-Ministru Emanuel Mallia fil-konfront tad-domandi li saru mill-Onor. Jason Azzopardi. Dan qed jingħad biex wieħed ikun ċar li mhu qed jitpoġġa l-ebda dokument fil-Kamra min-naħa tal-Ministru Emanuel Mallia, liema dokument jirriżulta li b'xi mod qarraq lil din il-Kamra.

Għalhekk is-Sedja issa se tidħol profondament fuq dak li sar bħala *oral evidence* jew *oral answer* għad-domanda parlamentari li saret mill-Onor. Jason Azzopardi, jekk kienx hemm xi intenzjoni speċifika mill-Ministru Emanuel Mallia li b'dak li qal ried iqarraq lil xi membru jew lill-istess Kamra.

Fi ftit kliem l-ewwel każ ta' ksur ta' privileġġ, biex ngħidu hekk, li rabat l-Onor. Jason Azzopardi fil-konfront tal-Ministru Mallia kien għad-domanda parlamentari 9925 li l-Ministru għamel riferenza għal domanda 9924 fejn fuq domanda li saret mill-Onor. Jason Azzopardi fejn staqsa:

> "Jista' l-Ministru jgħid kemm kienu l-fizzjali tal-Forzi Armati ta' Malta li applikaw biex jattendu l-kors tar-*Royal College of Defence Studies* ġewwa Londra mill-1 ta' Mejju sal-jum li fih tkun imwieġba din l-interpellanza?"

Il-Ministru Emanuel Mallia qal:

> "Ninforma lill-Onor. Interpellant li mill-1 ta' Mejju, 2004 sal-lum ma kien hemm l-ebda fizzjal tal-Forzi Armati ta' Malta li applika biex jattendu l-Kors tar-*Royal College of Defence Studies* ġewwa Londra għax qatt ma ħarġet l-ebda applikazzjoni.
>
> Kif għedt fil-mistoqsija parlamentari ta' qabel għal xi raġuni taħt l-amministrazzjoni preċedenti ma kenitx inħarġet sejħa biex dawk interessati jkunu jistgħu japplikaw għall-kors imsemmi iżda kienet intgħażlet persuna partikolari li sussegwentement intgħażlet f'pożizzjoni għolja ħafna fi ħdan l-Armata."

F'domanda oħra li għamel l-Onor. Jason Azzopardi 6791 lill-Ministru Mallia, dan kien staqsa hekk:

> "Jista' l-Ministru jgħid f'liema *staff training college* li kienu attendew u ggradwaw il-brigadieri kollha, wieħed wieħed, li kellha l-Forzi Armati ta' Malta fil-jum li fih ħadu l-kariga ta' Kap Kmandant u dan mill-jum li fih saret membru tal-Unjoni Ewropea fl-2004 sal-jum li fih qed tkun imwieġba din l-interpellanza?"

Il-Ministru Emanuel Mallia rrisponda hekk:

> "Ninforma lill-Onor. Interpellant li fil-jum li fih Malta saret membru tal-Unjoni Ewropea fl-2004 sal-lum il-Forzi Armati ta' Malta kellha tliet brigadieri. Dawn kienu l-Brigadier Carmel Vassallo, il-Brigadier Martin Xuereb u l-Brigadier Jeffrey Curmi filwaqt li fil-jum li fih ħadu kariga bħala Kap Kmandant, l-ewwel tnejn kienu ggradwaw mir-*Royal College of Defence Studies* ġewwa Londra. Il-Brigadier Curmi minkejja li għamel diversi applikazzjonijiet biex isegwi l-istess kors, dawn l-applikazzjonijiet taħt l-amministrazzjoni preċedenti dejjem kienu miċħuda. Minkejja dan il-Brigadier Curmi segwa b'suċċess numru kbir ta' korsijiet inkluż fir-*Royal Military Academy* f'Sandhurst fejn ingħata l-ogħla unur li hu l-*Cane of Honour."*

Għalhekk l-Onor. Jason Azzopardi qed jibbaża li ngħatat informazzjoni qarrieqa għall-parti fejn il-Ministru wieġeb hekk:

> "Il-Brigadier Curmi, minkejja li għamel diversi applikazzjonijiet biex isegwi l-istess kors, dawn l-applikazzjonijiet taħt l-amministrazzjoni preċedenti dejjem kienu miċħuda."

Hawnhekk is-Sedja, wara li eżaminat dak kollu li kellu xi jgħid il-Ministru Emanuel Mallia fil-konfront ta' dak li allega għal din il-parti l-Onor. Jason Azzopardi, wara li wkoll eżaminat id-domandi li l-istess Sedja għamlet anke fil-konfront tal-Onor. Emanuel Mallia, jekk kenux ħarġu applikazzjonijiet, huwa irrisponda "le" imma spjega l-fatt li l-korsijiet kienu kollha ġew *hand picked.* Qed ninċita l-kelma li uża hu u fil-fatt se nikkwotah eżatt kif qal:

> "Iva, ma kien hemm l-ebda applikazzjoni. Dawn attendew il-kors mhux għax kien hemm applikazzjoni u għażluhom imma *hand picked* jiġifieri għażluhom u bagħtuhom. Mela m'hemm l-ebda diżgwid bejn waħda u l-oħra."

Dan ifisser li dak li kien qed jirriferi għall-Brigadier Curmi meta qal fir-risposta tiegħu l-Ministru Emanuel Mallia, u nikkwota:

> "Filwaqt li fil-jum li fih ħadu l-kariga bħala kap kmandant l-ewwel tnejn kienu ggradwaw mir-*Royal College of Defence Studies* ġewwa Londra, il-Brigadier Curmi, minkejja li kien għamel diversi applikazzjonijiet biex isegwi l-istess kors, dawn l-applikazzjonijiet taħt l-amministrazzjoni preċedenti dejjem kienu miċħuda. Minkejja dan il-Brigadier Curmi segwa b'suċċess numru kbir ta' korsijiet inkluż fir-*Royal Military Academy* f'Sandhurst fejn ingħata l-ogħla unur li hu l-*Cane of Honour*."

U allura ladarba dan il-fatt il-Ministru qed jgħid li l-Brigadier Curmi għamel diversi applikazzjonijiet li għamilhom hu u jidher, kif qed jagħti l-istess informazzjoni, allavolja ma saret l-ebda sejħa ta' applikazzjoni jfisser li l-fatt kif hu jingħad lill-Kamra huwa li għalkemm ma ħarġu l-ebda applikazzjonijiet xorta kien hemm l-interess personali tal-Brigadier Curmi li applika biex imur ċerti korsijiet, nifhem mir-risposta li ta, fir-*Royal College of Defence Studies.* Dan ma jbiddel xejn il-fatti kif ġraw min-naħa tar-risposta 6791 l-Onor. Jason Azzopardi dwar il-fatti kif ġraw mill-brigadieri li okkupaw fil-Forzi Armati dwar dak li huwa *staff training college* jiġifieri fejn marru jistudjaw mill-2004 sal-lum dawn l-imsemmija jew *ossia* l-Brigadier Carmel Vassallo, il-Brigadier Martin G Xuereb u l-Brigadier Jeffrey Curmi.

Dan ifisser li l-fatt li l-Ministru Emanuel Mallia irrisponda d-domanda 9925 dwar kemm saru applikazzjonijiet biex jattendu l-kors ġewwa Londra għax qatt ma ħarġet applikazzjoni, ir-risposta li ta l-Ministru Emanuel Mallia kienet "le". Meta kien qed iwieġeb id-domanda 9924 kif diġà qed jingħad, il-Ministru Emanuel Mallia qal li ma kien hemm l-ebda fizzjal fil-Forzi Armati li applika biex jattendi l-kors tar-*Royal College of Defence Studies* ġewwa Londra għax qatt ma ħarġet ebda applikazzjoni. Ikompli jgħid hekk:

> "Kif għedt fil-mistoqsija parlamentari ta' qabel, għal xi raġuni taħt l-amministrazzjoni preċedenti ma kenitx inħarġet sejħa għal dawk interssati li jkunu jistgħu japplikaw għall-kors imsemmi iżda kienet tintgħażel persuna partikolari li sussegwentement intgħażlet f'pożizzjoni għolja ħafna fi ħdan l-Armata."

Dan ma jċaħħadx il-fatt għal dak li qed jgħid il-Ministru li persuna bħalma kien dan il-każ, il-fizzjal jew il-kurunell li llum huwa l-Brigadier Jeffrey Curmi, li għalkemm ma nħarġet l-ebda applikazzjoni xorta huwa ħa interess personali biex jagħmel l-applikazzjonijiet biex isegwi kors partikolari.

Għalhekk il-fatt kif mogħtija fir-risposta orali ma kienet qed tiżgwida l-ebda Kamra imma sempliċement qed tagħti aktar fatti minn dawk li joħorġu mill-istess domanda parlamentari.

Fil-fatt meta wieħed jeżamina r-risposti li ta l-Ministru kien hemm konsistenza regolari. L-unika ħaġa li ma kenitx qiegħda tinftiehem tajjeb – u nifhem il-pożizzjoni tal-Onor. Jason Azzopardi li jqajjem dan il-punt dwar l-interpretazzjoni - ... Ladarba wieħed qed japplika u m'hemmx *call for applications* allura kif seta' japplika? Ovvjament dak huwa stat ta' fatt li wieħed seta', kif wieħed jifhem mir-risposta tal-Ministru, li wieħed ħa interess li japplika għalkemm ma kienx hemm sejħa għall- applikazzjoni.

Żgur ma toħroġx li kien hemm *intention to mislead or to deceive*. Dak li jgħid l-istess *House of Commons*, li wieħed mill-elementi huwa li:

> "*The element of deliberateness is an essential ingredient implicit in the alleged offence of deliberately misleading the House.*"

Din il-pożizzjoni hija ċċitata fid-dokument li huwa Chapter 8 – Parliamentary Privileges, li huwa pubblikazzjoni Indjana li timxi fuqu wkoll il-Parlament Indjan magħruf bħala Rajya Sabha At Work, paġna 234 u nkompli nikkwota:

> *"If any statement is made on the floor of the House by a member or Minister which another member believes to be untrue, incomplete or incorrect, it does not constitute a breach of privilege. If an incorrect statement is made, there are other remedies by which the issue can be decided. In order to constitute a breach of privilege or contempt of the House, it has to be proved that the statement was not only wrong or misleading but it was made deliberately to mislead the House."*

Dan ifisser li anke jekk Membru qed jinterpreta fatt li hu jħoss li mhuwiex korrett jew li saħansitra li mhu korrett xejn ma jfisser xejn li dak il-Membru jħoss hekk ladarba l-fatti kif inhuma mqiegħda u l-mod kif spjegahom l-istess Ministru wasslu lis-Sedja biex hi stess ma tkunx konvinta li l-Ministru b'xi mod ried iqarraq lill-Kamra.

Issa niġi għat-tieni punt imqajjem mill-Onor. Jason Azzopardi li huwa rifless ukoll f'domanda parlamentari li huwa rrefera għaliha dwar il-kwestjoni tad-domanda parlamentari 4835 tad-9 ta' Ottubru ta' din is-sena li tgħid hekk:

> "Jogħġbu l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kull rakkomandazzjoni li għamel il-Ministru għall-Forzi Armati skont kif trid il-liġi kull Brigadier tal-Forzi Armati sabiex Maġġur jieħu promozzjoni għal-Logutenent Kurunell u sabiex Logutenent Kurunell isir Kurunell fl-aħħar seba' snin?"

Nikkwota lill-Onor. Jason Azzopardi:

> "Meta jien tlabt għal kull rakkomandazzjoni li għamel kull brigadier sabiex Maġġur jieħu *promotion* u sabiex Logutenent jieħu *promotion* għal Kurunell, jien tlabt għal kull rakkomandazzjoni fl-aħħar seba' snin".

Ir-risposta kienet tgħid hekk:

> "Ninforma lill-Onor. Interpellant li għandu jkun jaf li għall-promozzjonijiet imsemmija l-liġi ma titlobx rakkomandazzjoni mill-Kmandant lill-Ministru."

Imbagħad saret riferenza għad-domanda 9958 fejn l-Onor. Jason Azzopardi staqsa biex titqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra r-rakkomandazzjoni li l-Brigadier preżenti għamel skont il-liġi tal-armata biex saret *accelerated promotion* – issa mbagħad hu għandu definizzjoni għalih x'inhi *accelerated promotion* - tal-persuna li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament u qabżet ir-*rank* ta' Maġġur.

Il-Ministru wieġeb li d-dokument bir-rakkomandazzjoni huwa dokument restritt u ma jsib l-ebda oġġezzjoni li l-Onor. Interpellant jara l-istess dokument.

Is-Sedja eżaminat il-fatti kollha anke fuq dawn id-domandi parlamentari li kienet tikkonċerna domanda fejn mhux il-każ li jkun każ ta' promozzjoni li taqa' taħt *accelerated promotion* u domanda li kienet tirrifletti każ partikolari ta' *accelerated promotion.*

Il-liġi titkellem ċar u hawn is-Sedja qed tagħmel riferenza għall-Kap. 220 li huwa magħruf bħala l-*Malta Armed Forces Act* kif emendat riċentement anke bl-Atti XIII u XXVI tal-2014 kif ukoll *Subsidiary Legislation* 220 tal-2003 kif emendat bil-*Legal Notice* 66 tal-2013 fejn il-liġi titkellem ċar li fil-każijiet ta' dawk li huma magħrufin bħala *accelerated promotions,* is-Sedja se tagħmel riferenza għal artiklu 6 taħt "*Promotion*" kif emendat b'Legal Notice 127 tal-2012 tgħid hekk:

> *"Saving the provisions of this regulation in regard to accelerated promotions, promotion to the ranks specified below shall be made subject to recommendation based on efficiency, seniority and selection to fill a vacancy.".*

Imbagħad għandek il-kategoriji A – *Combat Officers, Lieutenant Captain Major, Lieutenant Colonel, Colonel* u Brigadier. *Non combatant officers* li huma *Lieutenant Medical Officer, Captain Medical Officer, Major Medical Officer, Lieutenant Colonel Medical Officer, Lieutenant Legal Officer, Captain Legal Officer, Major Legal Officer, Lieutenant Colonel Legal Officer, Captain*

*Quarter Master, Major Quarter Master, Air Traffic Control Officer, Air Traffic Control Officer, eċċ, Assistant Senior Air Traffic Control Officer, Senior Air Traffic Control Officer.*

Imbagħad fis-subsection (2) tal-istess artiklu jgħid hekk:

> "*In exceptional cases, accelerated promotions may be authorised in the interest of the service by the Minister on the recommendation of the Commander."*

M'hemmx dubju li fir-risposta li ta l-Ministru dwar il-każ partikolari ta' *accelerated promotion* il-proċedura stabbilita bil-liġi ġiet segwita. Tant hu hekk li l-istess Ministru rrisponda hekk:

> "Id-dokument ta' rakkomandazzjoni huwa dokument ristrett. Ma nsib l-ebda oġġezzjoni li l-Onor. Interpellant jara l-istess dokument."

Il-każ li qed iqajjem l-Onor. Jason Azzopardi fil-konfront ta' ksur ta' privileġġ huwa għar-risposta 4835 fejn huwa talab għal kull rakkomandazzjoni li għamel il-Ministru tal-Forzi Armati ta' Malta skont kif trid il-liġi kull brigadier tal-Forzi Armati sabiex Maġġur jieħu promozzjoni għal-Logutenent Kurunell u sabiex Logutenent Kurunell isir Kurunell fl-aħħar seba' snin.

Il-Ministru fir-risposta tiegħu qal:

> "Ninforma lill-Onor. Interpellant li għandu jkun jaf li għall-promozzjonijiet imsemmija l-liġi ma titlobx rakkomandazzjoni mill-Kmandant, lill-Ministru."

Allura b'referenza għal din id-domanda u risposta u d-domanda u risposta għal każ partikolari mqajjem mill-Onor. Jason Azzopardi fuq il-każ ta' *accelerated promotion* qamet il-kwestjoni dwar li l-Ministru qarraq bl-informazzjoni fejn fuq domanda minnhom tal-każ partikolari tal-*accelerated promotion* kien hemm ir-rakkomandazzjoni u fil-każijiet l-oħra ma kienx hemm ir-rakkomandazzjoni.

Is-Sedja rat Kap. 220 li jitkellem fuq kollox barra fuq promozzjonijiet, liema liġi fiha 184 artiklu li titkellem fuq każijiet ta' deżerzjoni, każijiet ta' offiżi, każijiet ta' proċeduri kontra membri tal-Armata, fuq dritt għall-appell, meta jkun hemm *court martial* eċċ.

Rat is-*Subsidiary Legislation* 220.03 li huwa dwar l-*Appointments and Conditions of Service of the Regular Force* li fih, fil-parti li titkellem fuq promozzjonijiet, titkellem biss li huwa tassattiv li jkun hemm ir-rakkomandazzjoni tal-*Commander* tal-Forzi Armati lill-Ministru f'każijiet ta' "*accelerated promotions may be authorized in the interest of the service by the Minister on the recommendation of the Commander"* li hija artiklu 6 li hija l-uniku artiklu li jitkellem fuq promozzjonijiet u hija riżervata għal meta l-promozzjoni tkun waħda aċċellerata.

Għalhekk mill-informazzjoni li ta l-Ministru, id-domanda li għamel riferenza għaliha l-Onor. Jason Azzopardi fil-konfront tad-domanda 4836 fejn staqsa:

> "Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra r-riżultati tal-Bord tal-Għażla li huwa waqqaf wara Mejju 2013 sabiex dan jiddeċiedi min mill-Forzi Armati ta' Malta kellu jsir

Logutenent Kurunell u Kurunell? Jista' juri l-marki li kull persuna fuq dan il-Bord tat lil kull applikant?"

Il-Ministru qal:

"Ninforma lill-Onor. Interpellant li r-riżultat ta' selezzjonijiet ta' għażla għandhom ikunu protetti milli jiġu mxandra ma' kulħadd peress li huma ta' natura kunfidenzjali. Ninforma lill-Onor. Interpellant li dan il-prinċipju ntuża wkoll fl-aħħar selezzjonijiet ta' għażla taħt amministrazzjoni preċedenti."

Imbagħad nagħmel riferenza wkoll għad-domanda 4835 fejn l-Onor. Jason Azzopardi staqsa:

"Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kull rakkomandazzjoni li għamel lill-Ministru tal-Forzi Armati ta' Malta skont kif trid il-liġi kull Brigadier tal-Forzi Armati ta' Malta sabiex Maġġur jieħu promozzjoni għal Logutenent Kurunell u sabiex Logutenent Kurunell isir Kurunell fl-aħħar seba' snin?"

L-Onor. Emanuel Mallia wieġeb:

"Ninforma lill-Onor. Interpellant li għandu jkun jaf li għall-promozzjonijiet imsemmija l-liġi ma titlobx rakkommandazzjoni mill-Kmandant, lill-Ministru."

Hawnhekk il-Ministru kien qed jagħti l-informazzjoni f'każ li ma jkunx hemm *an accelerated promotion.* Meta l-Ministru Mallia ġie mistoqsi dwar każ partikolari ta' *accelerated promotion,* kif ukoll hija riflessa fid-domanda parlamentari tal-Onor. Jason Azzopardi Nru 9958 li tgħid hekk:

"Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra r-rakkomandazzjoni li l-Brigadier li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament għamel skont il-liġi tal-Armata biex saret *accelerated promotion* (imħabbra fil-Gazzetta tal-Gvern tat-13 ta' Ġunju 2014) tal-persuna li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament minn Kaptan u li allura qabżet ir-*rank* ta' Maġġur?",

il-Ministru Mallia wieġeb hekk:

"Ninforma lill-Onor. Interpellant li d-dokument bir-rakkomandazzjoni tal-Uffiċjal li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament, huwa dokument restritt. Il-Ministru però ma jsib l-ebda oġġezzjoni li l-Onor. Interpellant jara d-dokument *in persona."*

Dan ifisser li r-risposti li ta l-Ministru Mallia kienu bbażati skont l-istess liġi u li wkoll kien qed jagħmel referenza, anke jekk ma kkwotahx, għall-artikolu 6 tas-*subsidiary legislation* 220/03. Għalhekk is-Sedja qed tiddeċiedi li m'hemm l-ebda ksur ta' privileġġ fil-konfront tal-Ministru Emanuel Mallia.